# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta’ Lulju 2011

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta’ emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba’ libertajiet

(2011/450/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]) (“il-Ftehim taż-ŻEE”) fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi li li ma jaqgħux taħt l-erba’ libertajiet.

(2) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE f’azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq Intern.

(3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkompli wara l-31 ta’ Diċembru 2010.

(4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

*ABBOZZ TA'*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru …/2011

## ta'…

## li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta'… [1].

(2) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq intern.

(3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim b'dan huwa emendat kif ġej:

1. Il-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 6 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011".

2. Il-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 7 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011".

3. Il-kliem "is-snin 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 8 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2008, 2009, 2010 u 2011".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

| | |
|---|---|
| *Il-President* | *Is-Segretarji*<br>*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE* |

[1] ĠU L …

(*) [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]